**6 ta' Lulju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Emanuel Borg

*versus*

Therese Barbaro

**Egħrusija – Tħassir ta' Egħrusija – Danni**

*L-attur fittex b'suċċess għal danni minnu sofferti konsegwenti għal riżeliment inġust ta' l-egħrusija. Sinifikattiv illi d-danni kienu materjali u ppruvati.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni illi bih l-attur, wara illi ppremetta illi l-kontendenti kienu għamlu perijodu konsiderevoli ta' żmien joħorġu flimkien anke bħala għarajjes bit-tħejjija għaż-żwieġ;

Li bħala parti mill-preparazzjonijiet tagħhom għaż-żwieġ il-partijiet xtraw flimkien bejniethom il-fond bl-indirizz "Mantes", Triq il-Gallu, il-Fgura;

Illi l-attur nefaq l-ammont ta' tlett elef seba' mija ħamsa u erbgħin lira, erba' u erbgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm3745.74c8) f'benefikati fil-fond imsemmi li mil-liema somma huwa ġabar lura biss l-ammont ta' elf mitejn u ħamsin lira (Lm1250) biex b'hekk fadalli jieħu bilanċ ta' elfejn erba' mija ħamsa u disgħin lira maltija, erba' u sebgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm2495.74c8);

Illi l-għerusija bejn il-kontendenti tħassret bi ħtija unika tal-konvenuta kif ser ikun ippruvat waqt il-kawża;

Illi oltre t-telf fuq imsemmi l-attur sofra danni ammontanti għal ħames mija u disgħin lira maltin (Lm590) b'riżultat ta' tħassir ta' l-għerusija li għaliha huwa bl-ebda mod ma għandu ħtija, u dan kif ser ikun ippruvat fil-kawża;

U l-konvenuta ġiet imsejħa tħallas lill-attur is-somma

komplessiva ta' tlett elef u ħamsa u tmenin lira maltija, erba' u sebgħin ċenteżmu u tmien millleżmi (Lm3085.78c8) konsistenti fis-somma ta' Lm2495.74c8 fil-bilanċ li fadallu jieħu tal-benefikati li saru fil-fond fuq imsemmi bi tħejjija għaż-żwieġ, u fis-somma ta' Lm590 f'danni li huwa sofra b'riżultat tat-tħassir ta' l-għerusija b'tort uniku tal-konvenuta, iżda din baqgħet inadempjenti;

Talab għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-għerusija spiċċat bi ħtija tal-konvenut weħidha;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi ħtija tal-konvenuta billi tiddikjara li jikkonsistu fi Lm2495.74c8 u Lm590 komplessivament Lm3085.74c8;

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef ħamsa u tmenin liri maltija, erba' u sebgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm3085.74c8), jew somma verjuri li tista' tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri bonarji tat-22 ta' Settembru, 1988, tal-5 ta' Novembru, 1988, ta' l-24 ta' April, 1990, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 875/90 tal-5 ta' Ġunju, 1990, u bl-imgħaxijiet relattivi sad-datta tal-ħlas eventwali, kollha kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta sabiex tidher in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta illi biha eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li

a. l-għerusija *de quo* ma tħassritx mingħajr raġuni valida; u

b. mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tar-responsabbilità tad-danni, l-ammonti pretiżi ma humiex dovuti;

B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi għandu jingħad, qabel xejn, illi l-konvenut ma pproduċietx provi f'din il-kawża b'eċċezzjoni tad-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha akkompanjanti l-imsemmija nota ta' eċċezzjonijiet;

*Omissis;*

Illi, għalhekk, l-attur għandu dritt għall-ħlas tad-danni mingħand il-konvenuta *ai termini* ta' l-artikolu 3, Kapitolu 5;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jippretendi illi huwa ntitolat jitlob mingħand

il-konvenuta danni konsistenti fi spejjeż illi huwa għamel fil-fond, "*Mantes*", fi Triq il-Gallu, Fgura illi huwa u l-konvenuta xtraw flimkien permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Victor John Bisazza fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju, 1982 u illi huma mbagħad biegħu permezz ta' kuntratt ieħor ippubblikat min-Nutar Dottor George Cassar fit-tnax (12) ta' Marzu, 1990 (dok. 'EB42'). L-attur jallega illi dawn l-ispejjeż jammontaw għal Lm3745.74,8;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Qorti l-imsemmija somma ta' Lm1594.76,3 hija dovuta kollha lill-attur mill-konvenuta, u dan indipendentement minn kemm kull wieħed mill-kontendenti rċieva jew baqagħlu jirċievi mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond hawn fuq imsemmi permezz tal-kuntratt dokument 'EB42';

*Ciononostante* huwa utili illi jiġi rrilevat illi, għalkemm fid-depożizzjoni tiegħu ta' l-għaxra (10) ta' April, 1992 l-attur qal illi sa dakinhar il-flus illi huwa u l-konvenuta kienu daħħlu mill-bejgħ ta' l-imsemmi fond kienu jammontaw għal Lm2500, illi huma qassmu ugwalment bejniethom, u illi, inoltre, ma' l-iffirmar tal-kuntratt relattiv, il-*Lohombus Corporation* ħarġet favur il-kontendenti '*cheque*' għal Lm2200 ċirka illi baqa' ma ġiex imsarraf għaliex il-konvenuta rrifjutat illi tiffirmah mill-kuntratt dokument 'EB42' jirriżulta illi fuq il-kuntratt ix-xerrej ħallas lill-kontendenti flimkien is-somma ta' Lm5000 u illi l-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ tħallas lill-kontendenti mill-*Lohombus Corporation*. In vista ta' dak illi xehed l-attur dwar illi ċ-'*cheque*' imsemmi – illi jirriżulta illi huwa fl-ammont ta' Lm2225.97,9 (Dok. 'EB43') – ma ssarrafx, il-Qorti aktar 'il quddiem sejra tagħmel id-debita riżerva favur l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur irnexxielu jipprova wkoll illi b'riżultat tat-tħassir ta' l-għerusija in kwistjoni, oltre l-imsemmija Lm1594.76,3 sofra danni riżarċibbli mingħand il-konvenuta ammontanti għal ħames mija u disgħin lira (Lm590) riżultanti kwantu għal sebgħin lira (Lm70) mid-dokumenti mmarkati 'EB40' u 'EB41', u kwantu għall-bilanċ ta' ħames mija u għoxrin lira (Lm520) minn dak illi xehed l-attur fl-ewwel (1) ta' Frar, 1991 fil-paragrafu illi jibda bil-kliem "Matul l-aħħar sentejn qabel tħassret l-għerusija....";

Illi, għalhekk, id-danni kollha dovuti lill-attur mill-konvenuta jammontaw għal elfejn, mija u erbgħa u tmenin lira, sitta u sebgħin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm2184.76,3);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi, tipprovdi dwar it-tieni (2) talba attriċi billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi ħtija tal-konvenuta fis-somma ta' elfejn mija u erbgħa u tmenin lira, sitta u sebgħin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm2184.76,3), u tipprovdi dwar it-tielet (3) talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' Lm2184.76,3 in linea ta' danni hekk illikwidati, bl-imgħax legali mil-lum, u b'riżerva favur l-attur ta' kwalunkwe azzjoni lilu spettanti "*si et quatenus*", għar-rigward ta' l-imsemmi "*cheque*" illi baqa' ma ssarrafx;

Tordna illi l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati kollha mill-konvenuta.